MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 1277/2010

**Justin Spagnol**
**ID 562491(M)**

**Vs**

**Janice Briffa bhala legittimu rapprezentant tal-minuri Ruud Buhagiar**
**ID 504772(M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-22 ta' Lulju, 2010 fejn l-attur talab peress illi Ruud Vassallo u b'digriet ta' dan it-Tribunal tal-15 ta' Novembru, 2010 l-isem "Ruud Vassallo" ghandu jigu sostitwit b' "Rudd Buhagiar", iben il-konvenuta nhar is-27 t' Ottubru, 2009 fuq il-karozza tal-linja, ossija fil-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Hadd, ta' zewg daqqiet ta' ponn fil-parti ta' bejn il-halq u l-imnieher ta' l-attur;

Peress illi per konsegwena tad-daqqiet l-attur sofra danni fizici kbar;

Peress illi l-kirurgu Adrian Agius illikwida d-danna ghall-operazzjoni fl-ammont ta' elfejn u hames mitt ewro (€2,500) Dok A anness mat-talba;

Peress illi l-attur ghamel spejjez ohra ta' hamsa u sittin ewro (€65) vide Dok B u C annessi.

Ghaldaqstant qed issir din it-talba ghall-hlas tad-danni fl-ammont ta' elfejn hames mija shamsa u sittin ewro (€2,565);

Bl-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tal-31 ta' Mejju, 2010 u ta' dawn l-proceduri;

Bl-imghax.

Illi l-konvenuta pprezentat risposta fl-10 ta' Novembru, 2010 fejn ecepiet illi t-talbiet talattur ghandhom jigu michuda peress li:

1) hi ma ghandha ebda tifel ta' Ruud Vassallo;

2) li t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li ebda danni ma gew kawzati u kif ukoll tali spejjez u tali operazzjoni jistghu dejjem isiru fi Sptar Mater Dei;

3) Illi hija ma ghandiex tbaghti spejjez;

4) Salvi risposi ulterjuri.

Xehed l-attur Justin Spagnol fejn spjega ili waqt li kienu fuq tal-linja Ruud Buhagiar tah daqqa ta' ponn fuq imniehru. Risultat ta' dan il-qarquca ta' imniehru tawgghet u titranga biss b'operazzjoni. Din l-operazzjoni tiswa madwar elfejn u hames mitt ewro (€2,500).

Xehed Ruud Buhagiar li spjega li hu kien ilu mhedded minn Justin Spagnol u kien ikellmu hazin fuq MSN. Jghid illi waqt li kien fuq il-bus hassu mhedded meta l-attur dahal go fih waqt li kien niezel u kien ghalhekk illi tah daqqa f'wiccu. Dawn l-allegazzjonijiet gew michuda mill-attur fil-kontro ezami.

F'affidavit tieghu Ruud jerga jirrepeti x-xhieda tieghu pero din id-darba ma jghidx illi tah daqqa ghax hassu mhedded izda li gholla jdejh u idu giet ma wiccu qisha daqqa ta' ponn. Jghid illi l-attur dejjem jaqla' xi haga u li mhux vera li jittrnja l-boxing.

Fis-seduta tal-10 ta' April, 2014 l-konvenut qajjem l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' Gurisdizzjoni tat-Tribunal in vista tat-talba tal-attur li jirreka danni li ghadhom ma gewx likwidati stante li l-ammont mhux likwidat u dovut.

Art 3 tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi **carament** dwar il-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar bil-mod segwenti:

L-artikolu 3. Twaqqif tat-Tribunal.

3. (1) Ghandu jkun hemm Tribunal li jkun maghruf bhala t-Tribunal ghal Talbiet Zghar.

(2) Bla hsara ghas-subartikolu (5), it-Tribunal ghal Talbiet Zghar **ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta biss' it-<u>talbiet kollha ta' flus</u> ta' ammont ta' mhux izjed minn tliet elef u erba' mija u erbgha u disghin euro u stii centezmi (3,€44.06).** (emfazi mizjuda)

4. Illi dak li korrettament talab l-esponenti bhala attur fil-kawza in ezami hu propju dak li trid il-ligi, **talba ghal hlas** rapprezentanti danni sofferti lilu tort tal-konvenut Ruud Buhagiar, **liema talba ma teskorrix il-limitu impost mill-ligi** u cioe' hlas fl-ammont ta' elfejn hames mija hamsa u sittin ewro (€2,565).

It-Tribunal ghalhekk huwa tal-fehma illi minkejja li l-attur ghadu ma hallasx l-ammont li qed jitlob minkeja il-konvenut ma jnehhix il-gurisdizzjoni tat-Tribunal.

Ghal din ir-raguni t-Tribuanl jichad l-eccezzjoni tal-konvenut dwar il-gurisdizzjoni tat-Tribunal.

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------